MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 502/1993/1

**Mario Grima**

**vs**

**Valerie Grima illum Abela wara dikjarazzjoni taghha presentata fir-Registru Pubbliku a tenur ta' l-Att XXI ta' l-1993**

**Il-Qorti:**

**<u>I PRELIMINARI</u>**

1. Bic-citazzjoni tieghu pprezentata quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, l-attur talab lil dik il-Qorti

tippronunzja s-separazzjoni personali bejnu u bejn martu l-konvenuta u dan minhabba htija imputabbli lill-istess konvenuta. Ic-citazzjoni tikkontjeni talbiet ohra soliti f'kawzi bhal dawn fosthom li l-attur jinghata access ghal bintu minuri Antoinette Greta, u li l-komunjoni ta' l-akkwisti tigi xolta, likwidata u maqsuma bejn il-kontendenti.

2. Dan huwa appell intavolat mill-attur mis-sentenza moghtija minn dik il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2000. A skans ta' ripetizzjonijiet inutili din is-sentenza sejra tigi annessa bhala appendici biex tifforma parti integrali mill-odjerna sentenza, billi l-istess sentenza appellata fiha riprodotti t-talbiet ta' l-attur, l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, it-talbiet kontenuti fil-kontro-talba ta' l-istess konvenuta. Sintendi l-istess sentenza fiha spjegati wkoll il-konsiderazzjonijiet u l-motivazzjonijiet li wasslu lil dik il-Qorti li tiddeciedi l-kawza bil-mod li iddecidietha.

3. Jirrizulta li fl-istess data li nghatat is-sentenza appellata, cioe` l-5 ta' Lulju 2000, l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-istess Onorevoli Imhallef, ippronunzjat ukoll zewg sentenzi ohra li kienu jirrigwardaw zewg kawzi separati li l-konjugi ghamlu kontra xulxin biex jottjenu dikjarazzjoni ta' nullita` ta' zwieg bejniethom. Infatti, *a fol.* 19 *et sequitur* tal-process ta' l-appell hemm esebita kopja ta' sentenza moghtija fil-5 ta' Lulju 2000, (Citazzjoni Numru 1222/92) fl-ismijiet "Valerie Grima, llum Abela, wara dikjarazzjoni taghha prezentata fir-Registru Pubbliku *a tenur* ta' l-Att XXI ta' l-1993 vs Mario Grima". B'din is-sentenza giet milqugha t-talba ta' l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni u ghalhekk il-Qorti iddikjarat li z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fl-24 ta' Mejju 1986, huwa null u bla effett u dan peress illi l-kunsens tal-konvenut Mario Grima kien vizzjat minhabba anomalija psikologika serja li irrendietu inkpaci li jassumi l-obbligi tieghu taz-zwieg. Imbaghad, *a fol.* 45 ta' l-istess process ta' l-appell hemm esebita sentenza ohra markata bhala dokument MG3 (Citazzjoni Numru 145/94) li nghatat fl-istess data tal-5 ta' Lulju 2000, fl-ismijiet inversi ghas-sentenza appena citata, li biha l-istess zwieg gie dikjarat null u bla effett u dana minhabba nuqqasijiet a tenur ta' l-Artikolu 19(1)(c) u (d) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg ta' l-1975 imputabbli esklussivament lill-istess attur.

4. Ma giex indikat lil din il-Qorti li xi hadd mill-kontendenti appella minn xi wahda minn dawn iz-zewg sentenzi ta' l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili li iddikjarat in-nullita` taz-zwieg bejn il-kontendenti. Ghalhekk jidher li dawn iz-zewg sentenzi llum huma *res iudicata*.

**II L-APPELL**

5. Fil-25 ta' Lulju 2000, l-attur Mario Grima interpona appell mis-sentenza msemmija fit-tieni paragrafu ta' din is-sentenza cioe` s-sentenza ta' separazzjoni. Essenzjalment l-appellant ma qabilx ma' l-ewwel Qorti dwar il-mod kif huwa nghata parti mir-responsabilita` ghas-separazzjoni, ma qabilx mal-fatt li l-ewwel Qorti ordnatlu li jhallas manteniment lill-konvenuta la darba z-zwieg gie annullat, u ma qabilx ukoll ma' xi partiti tal-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

6. Wara li l-appellant spjega dettaljatament l-aggravji tieghu huwa talab li dina l-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi:
"(1) tilqa' l-ewwel talba tac-citazzjoni attrici u tichad l-ewwel talba rikonvenzjonali tal-konvenuta appellata; (2) tikkonferma l-akkoljiment tat-tieni kontro-talba pero` tvarjaha fis-sens li l-manteniment huwa dovut biss lit-tifla minuri fl-ammont ta' Lm80 mentri kwantu jirrigwarda l-manteniment dovut lill-mara jigi dikjarat li hi ddekadiet u/jew ma ghandhiex dritt fil-ligi sewwa ghar-ragunijiet imsemmija fil-ligi fl-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u sewwa ghaliex il-manteniment ma ghadux aktar dovut stante li llum ma hemmx zwieg bejn il-kontendenti; (3) tikkonferma c-cahda tat-tielet talba rikonvenzjonali relattiva ghad-dar matrimonjali; (4) tikkonferma l-akkoljiment tat-tieni talba attrici u r-raba' talba rikonvenzjonali tal-konvenuta li pero` sa fejn jirrigwarda d-debiti tal-komunjoni ma jigux inkluzi t-tlett elef Lira Maltija (Lm3,000) dovuti lil Josephine Abela u sa fejn jirrigwarda l-hlas ta' Lm3,500.00 mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali dawn ghandhom jinkludu wkoll l-imghaxijiet mill-5 ta' Awissu, 1982; (5) tikkonferma l-akkoljiment tal-hamas talba rikonvenzjonali u c-cahda tas-sitt talba rikonvenzjonali; (6) tikkonferma l-akkoljiment tar-raba'

talba attrici u (7) tvarja l-kap ta' l-ispejjez fis-sens li dawn ghandhom jigu unikament sopportati mill-appellata."

7. Fir-risposta ta' l-appell taghha l-konvenuta appellata, iddikjarat li ghalkemm hija kienet taqbel ma' diversi partijiet mis-sentenza appellata, hija kienet aggravata minn certi konkluzjonijiet li dwarhom intavolat appell incidentali. Il-konvenuta irrispondiet ghall-aggravji li kien ressaq l-appellant, u wara li ressqet l-aggravji taghha, hija talbet li dina l-Qorti joghgobha:
"(I) tikkonferma d-dispositiv tas-sentenza dwar l-ewwel talba tac-citazzjoni u l-ewwel kontro-talba, b'dana pero` li ma jinghadx li l-esponenti (u incidentalment lanqas l-attur) ma kellha htija, f'dan il-kaz *sunt lacrimae rerum*.

(II) tikkonferma d-dispositiv tas-sentenza rigward it-tieni kontro-talba u dana *in toto* minghajr it-tibdil mitlub mill-attur appellant;

(III) tirrimetti ruhha ghar-rigward tad-dispositiv tad-dar matrimonjali basta li din tinbiegh;

(IV) tikkonferma d-dispositiv tas-sentenza dwar ix-xoljiment, likwidazzjoni u assenjazzjoni ta' l-assi tal-komunjoni, minghajr it-tibdil mitlub mill-attur appellant kemm ghar-rigward ta' l-ammont dovut lil Josephine Abela kif ukoll ghar-rigward tar-rikavat tal-bejgh li ma ghandux jinkludi l-imghaxijiet li qieghed jippretendi l-attur appellant;

(V) tikkonferma d-dispositiv dwar il-hames kontro-talba dwar drittijiet successorji;

(VI) tikkonferma d-dispositiv dwar is-sitt kontro-talba;

(VII) tvarja ghar-rigward tad-dispositiv tar-raba' talba billi tikkonferma d-dritt ta' access pero` tipprovdi ghal salvagwardji ahjar tal-minuri."

8. L-appellant wiegeb ghall-appell incidentali tal-konvenuta billi stqarr li dan l-istess appell ghandu jigi

michud stante li l-aggravji migjuba fih kienu privi minn kull fondament guridiku u fattwali.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

9. L-ewwel pregudizzjali moghtija mill-appellata fir-risposta ta' l-appell taghha, kienet fis-sens li l-garanzija prezentata mill-appellant ma kienitx idonea u ghalhekk ghandha tithallas il-kawtela ta' l-appell. Effettivament, din il-pregudizzjali giet ghal kollox sorvolata billi l-appellant debitament hallas il-kawtela li giet stabbilita mir-registratur, kif jirrizulta mill-atti tal-process.

10. L-ewwel kwistjoni fil-meritu li qamet quddiem din il-Qorti kienet tirrigwarda d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li iddikjarat is-separazzjoni personali bejn iz-zewg kontendenti, minhabba htijiet imputtabbli liz-zewg partijiet. Iz-zewg partijiet jaqblu li tigi konfermata d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li iddikjarat is-separazzjoni personali bejniethom. L-attur izda qieghed jargumenta li huwa ma kellu l-ebda htija ghat-tfarrik taz-zwieg u qieghed jitlob li din il-Qorti tiddikjara lill-konvenuta bhala l-persuna responsabbli ghat-tfarrik taz-zwieg. Mill-banda l-ohra, l-konvenuta appellata wkoll qeghdha targumenta li hija ma kellha l-ebda htija fit-tfarrik taz-zwieg, izda ghall-kuntrarju ta' l-appellant qeghdha issostni li la darba z-zwieg kien gie annullat ma kienx jaghmel sens guridiku li wiehed jghid li kien hemm xi tort ghas-separazzjoni.

11. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, kemm l-ewwel talba ta' l-attur kif wkoll l-ewwel talba kontenuta fil-kontro-talba tal-konvenuta, illum jinsabu sorpassati bis-sentenzi li tat l-ewwel Qorti li bihom gie annullat iz-zwieg bejn il-kontendenti u li saret referenza ghalihom fit-tielet paragrafu ta' din is-sentenza. Fi kliem iehor la darba llum il-gurnata z-zwieg bejn il-kontendenti jinsab definittivament annullat ma hemm l-ebda htiega jew utilita` li din il-Qorti tiddikjara li t-tfarrik taz-zwieg sar b'responsabilita` ta' wahda mill-partijiet jew ta' tnejn f'daqqa. Dan wisq u wisq aktar meta fil-kaz odjern mhix ser ssir ebda applikazzjoni ta' xi konsegwenza prattika prevista mil-ligi ghar-responsabilita` tal-firda. Ghalhekk, fic-cirkostanzi prezenti, din il-Qori sejra tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-talbiet tal-kontendenti ghas-

separazzjoni personali bejniethom. U dan in vista tal-gudikati fuq citati li iddikjaraw li z-zwieg bejn il-kontendenti bhala wiehed null u bla ebda effett.

12. It-tieni kwistjoni li qamet quddiem din il-Qorti kienet tirrigwarda l-oggezzjoni ta’ l-appellant li jhallas il-manteniment ordnat mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata cioe` s-somma ta’ tletin lira Maltin (Lm30) kull xahar bhala manteniment ghall-konvenuta appellata personalment. L-appellant argumenta li l-ewwel Qorti ma kellhiex tipprovdi manteniment lill-konvenuta peress illi ma kien hemmx aktar zwieg bejniethom. Fi kwalunkwe kaz kellu jigi applikat l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili, u b’hekk l-appellata kellha tigi dikjarata li iddekadiet mid-dritt li tippercepixxi manteniment minghand l-appellant.

13. L-appellata wiegbet li ma kienx minnu li d-dikjarazzjoni tan-nullita` taz-zwieg ghandha twassal ghat-telfien tal-manteniment u ghalhekk l-ewwel Qorti kienet gustifikata li tipprovdi ghall-manteniment tal-konvenuta. Hija sostniet li ma kienx necessarju li hija titlob il-manteniment fil-kawza taghha li biha kienet qeghdha titlob dikjarazzjoni tan-nullita` taz-zwieg.

14. Ghandu jigi rilevat f’dan il-kuntest li l-appellant Mario Grima b’rikors intavolat fl-14 ta’ Novembru 2003, issenjala lil din il-Qorti li l-appellata kienet ghaddiet ghat-tieni zwieg taghha, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit *a fol.* 69 tal-process. Minn dan ic-certifikat jirrizulta li l-appellata zzewget lil Raymond Fava fid-29 ta’ Gunju 2003, u li l-konvenuta ghazlet li zzomm kunjom xbubita maz-zwieg.

15. Id-dispozizzjoni tal-ligi applikabbli ghall-kaz hija is-sub-artikolu 5 ta’ l-Artikolu 20 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta li jiddisponi hekk:
“Minkejja kull dispozizzjoni ohra, min mir-ragel jew l-mara jkun responsabbli ghan-nullita` taz-zwieg, ikun obbligat li jhallas manteniment lill-parti l-ohra li tkun *in bone fide* ghall-perijodu ta’ hames snin, liema obbligu jispicca jekk il-parti *in bona fide* tizzewweg matul dak iz-zmien.”

16. Kif inghad aktar qabel f’din is-sentenza, hemm gudikat li iddikjara n-nullita` taz-zwieg bejn il-kontendenti minhabba nuqqasijiet a tenur ta’ l-Artikolu 19(1)(c) u (d) ta’ l-Att Dwar iz-Zwieg ta’ l-1975, cioe` l-imsemmi Kap. 255. Dan l-istess gudikat jispecifika li dawn in-nuqqasijiet kienu imputabbli esklussivament lill-appellant cioe` lill-attur Mario Grima. Ma jirrizultax lil din il-Qorti li l-appellata ma kienitx *in bona fide* meta hija ikkontrattat iz-zwieg ma’ l-appellant. Konsegwentement, ghalkemm seta’ kien hemm dritt tal-konvenuta appellata ghall-manteniment, pero`, dan id-dritt illum certament spicca ghaliex hija ikkuntrattat it-tieni zwieg taghha matul iz-zmien ta’ hames snin mid-data ta’ l-annullament taz-zwieg. Madankollu jibqa’ riservat id-dritt ta’ l-appellata ghal kull ammont ta’ arretrati ta’ manteniment li setghu kienu dovuti lilha sad-data ta’ l-imsemmi zwieg.

17. It-tielet gravam li ressaq l-appellant fil-konfront tas-sentenza appellata, tikkoncerna s-somma ta’ tlett elef lira Maltin (Lm3,000) li l-ewwel Qorti iddikjarat bhala debitu tal-komunjoni ta’ l-akkwisti fil-konfront tal-kreditrici Josephine Abela. L-appellant jillamenta li l-ewwel Qorti zbaljat meta ippermettiet lill-appellata li tipproduci l-provi taghha dwar dan l-allegat dejn wara li kien gieipprezentat ir-rapport peritali u li fih il-perit legali kien qal li ma saritx prova soddisfacjenti ta’ dan l-allegat dejn. L-appellant jispjega dana l-aggravju b’dan il-kliem testwali:
“Illi proprju *in extremis*, meta r-rapport peritali kien konkjuz u l-kawza matura biex tigi trattata, l-appellata ghamlet talba biex tharrek bhala xhud lil Josephine Abela ghall-prova ta’ kreditu favur l-istess Josephine Abela ta’ Lm3,000.00. Kreditu li ma giex accettat mill-perit legali u xhud li ma kienx indikat, meta mix-xhieda ta’ l-istess appellata kien ben car li kienet taf b’dan ix-xhud hafna qabel bdiet il-kawza. Meta kellha tixhed l-imsemmija Josephine Abela in kontro-ezami, l-avukat sottoskritt kien indispost u wara dik is-seduta l-ewwel Onorabbli Qorti li kienet informata b’dan minn avukat iehor li deher *invece* ta’ l-avukat sottoskritt, halliet il-kawza ghas-sentenza. Gie intavolat rikors ghas-sospensjoni tas-sentenza biex ikun jista’ jsir il-kontro-ezami opportun billi jinhatru Mhallfin

Supplenti, u dan gie michud fil-5 ta' Lulju 2000, meta nghatat is-sentenza;

Illi huwa minnu li l-affidavit ta' l-attur dwar dan il-kreditu huwa qasir u konciz, proprju ghaliex ma jafx li dan id-debitu jezisti u jekk jezisti qatt ma gie mitlub minn Josephine Abela li allura kellu ragunijiet ghalfej jichad il-kaz u difiza tajba fil-ligi jekk Josephine Abela kellha tipprocedi ghall-gbir ta' dawn il-flus;

Illi in vista ta' dan kollu, l-ewwel Onorabbli Qorti ma kienitx tenuta li tinkludih fil-listi tad-debiti tal-komunjoni ta' l-akkwisti salv li jibqghu impregudikati kwalunkwe drittijiet li Josephine Abela seta' kellha kontra l-kontendenti."

18. Huwa fatt li l-konvenuta ma iddikjaratx bhala xhud taghha lil Josephine Abela. Pero` huwa fatt ukoll li l-ligi taghti s-setgha lill-Qorti li tippermetti s-smigh ta' xhieda li ma jkunux gew iddikjarati fil-bidu tal-kawza jekk il-Qorti jkun jidhrilha li din tkun haga gusta li ssir. Effettivament, l-ewwel Qorti ezercitat din id-diskrezzjoni taghha, u din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba din id-diskrezzjoni hekk uzata mill-ewwel Qorti ghax ma nghatat l-ebda raguni valida u gravi ghaliex dan ghandu jsir. Jigi rilevat ukoll li l-ewwel Qorti tat lill-appellant l-opportunita` li jressaq l-*affidavit* tieghu dwar dak li xehdet Josephine Abela apparti l-opportunita` li jikkontro-ezamina lil din ix-xhud. Konsegwentement, din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni valida ghaliex dan id-dejn ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) ma ghandux jigi mnaqqas mir-rikavat tal-bejgh tad-dar martrimonjali biex jithallas lil din Josephine Abela, li tigi qariba tal-konvenuta appellata. Ghalhekk dan it-tielet aggravju konvenut mhux fondat u ma jistax jintlaqa'.

19. L-ahhar aggravju senjalat mill-appellant jaqra hekk:
"Illi fil-lista ta' debiti li kellha tissaporti l-komunjoni ta' l-akkwisti gie wkoll elenkat l-ammont ta' Lm3,500.00 dovuti lil Anthony Grima jew l-eredi tieghu bl-imghax mill-5 ta' Awissu, 1985, pero` meta l-ewwel Onorabbli Qorti iddeliberat li dan ghandu jigi dedott mir-rikavat tal-bejgh tad-dar, semmiet il-kapitali biss u mhux l-interessi."

20. Il-Qorti tirrileva li fis-sentenza appellata, ezattament fin-nofs tal- pagna 16, l-ewwel Qorti semmiet l-imsemmi debitu b'dawn il-kliem:
"Tlett elef u hames mitt lira (Lm3,500) dovuti lil Anthony Grima jew l-eredi tieghu <u>bl-imghax mill-hamsa ta' Awissu 1982</u>." (Sottolinejar ta' din il-Qorti).

Pero`, meta fil-pagna sussegwenti tas-sentenza, l-ewwel Onorabbli Qorti regghet irreferiet ghal din is-somma, hija ma ghamlet l-ebda accenn ghall-kwistjoni ta' l-imghax. Peress illi l-ewwel Qorti ma tat l-ebda raguni ghal din id-diskrepenza, din il-Qorti jkollha tikkonkludi li din id-diskrepanza saret minhabba zvista da parti ta' l-ewwel Qorti. Effettivament, l-appellata ma ressqet l-ebda raguni ghaliex dana l-aggravju ta' l-appellant ma ghandux jintlaqa'. Certament, pero` l-imghax ma ghandu qatt jeccedi l-kapital u jkun *ultra duplum*, u dana skond gurisprudenza kostanti (ara Kollez. Vol. XXX-III-414 "Caterina Apap et vs Luigi Bartolo" 23.01.1939 u Koll. Vol. XLIVIII-III-1363 "Caterina Bonello et vs Giuseppa Lanzon" 14.01.1964 u ohrajn).

21. Fl-appell incidentali taghha, l-appellata ressqet ilment dwar il-mod ta' kif intlaqghet ir-raba' talba ta' l-attur fic-citazzjoni. Hija talbet li din il-Qorti tvarja d-dispozittiv tar-raba' talba, billi tikkonferma d-dritt ta' l-access ghall-minuri favur l-attur, izda tipprovdi ghal salvagwardji ahjar tal-minuri. Fl-appell incidentali taghha l-konvenuta appellata ma tat ebda ragunijiet ghaliex kellu jkun hemm dawn is-salvagwardji minnha pretizi u wisq anqas ma gie specifikat kif kellhom ikunu dawn is-salvagwardji. Anke fit-trattazzjoni orali li semghet dina l-Qorti, ma sar l-ebda accenn ghal dan l-aggravju da parti tal-konvenuta appellata. Illi f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni wzata mill-ewwel Qorti meta ipprovdiet il-modalita` ta' l-access kif irrizulta mis-sentenza appellata. Ghalhekk anke dan l-aggravju ta' l-appellata ma jistax jintlaqa'.

22. Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi mill-appell ta' l-appellant u mill-appell incidentali ta' l-appellata billi tirriforma s-sentenza appellata f'dan is-sens:-
1. Tastjeni milli tipprovdi fuq l-ewwel domanda ta' l-attur kif ukoll fuq l-ewwel domanda tal-kontro-talba tal-konvenuta appellata in vista li m'ghadx hemm lok izjed ghall-pronunzjament dwar separazzjoni personali bejn il-kontendenti ladarba z-zwieg taghhom illum jinsab b'gudikat dikjarat null u bla ebda effett;

2. Tastjeni milli tipprovdi fuq it-tieni domanda tal-kontro-talba tal-konvenuta appellata unikament fir-rigward tal-manteniment mitlub minnha ghaliha personalment, u dan *in vista* li fil-mori ta' l-appell l-istess konvenuta appellata ghaddiet ghat-tieni zwieg taghha; Salvi u impregudikati d-drittijiet taghha ghall-arretrati ta' manteniment li jistghu jkunu dovuti lilha.

3. Tordna li fuq is-somma msemmija fil-paragrafu 20 ta' din is-sentenza jigifieri s-somma ta' tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500) dovuta lil Anthony Grima jew lill-eredi tieghu, liema somma hija dejn tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti, ghandu jghaddi l-imghax stipulat tas-sitta fil-mija fis-sena, *purchè* li dan l-imghax ma jkunx *ultra duplum*.

4. F'dan is-sens biss tirriforma s-sentenza appellata u ghalhekk ghall-kumplament tikkonfermaha.

5. L-ispejjez kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

Deputat Registratur
mg

**APPENDICI**

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Lulju, 2000, qeghdha tigi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------